

Suġġett

Talba għall-annulament tad-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kunsill 2014/216/PESK, tal-14 ta' April 2014, li timplimenta d-Deċiżjoni 2014/119/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, ċerti entitajiet u ċerti korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU L 111, p. 91), u tar-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 381/2014, tal-14 ta' April 2014, li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 208/2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU L 111, p. 33), sa fejn isem ir-rifikorrent ġie inkluż fil-lista ta' persuni, entitajiet u korpi li għalihom japplikaw dawn il-miżuri restrittivi.

Dispożittiv

- 1) Id-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kunsill 2014/216/PESK, tal-14 ta' April 2014, li timplimenta d-Deċiżjoni 2014/119/PESK, tal-5 ta' Marzu 2014, dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina, u r-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 381/2014, tal-14 ta' April 2014, li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 208/2014, tal-5 ta' Marzu 2014, dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina, huma annullati sa fejn jikkonċernaw lil Edward Stavytskyi.
- 2) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea huwa kkundannat ibati, minbarra l-ispejjeż tiegħu, dawk sostnuti minn Edward Stavytskyi.

⁽¹⁾ ĠU C 303, 8.9.2014.

Sentenza tal-Qorti Ġeneral tat-2 ta' Frar 2016 – Antica Azienda Agricola Vitivinicola Dei Conti Leone De Castris vs UASI – Vicente Gandía Pla (ILLIRIA)

(Kawża T-541/14) ⁽¹⁾

("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva Komunitarja ILLIRIA — Trade mark verbali preċedenti CASTILLO DE LIRIA — Raġuni relativa għal rijfut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009")

(2016/C 098/52)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Antica Azienda Agricola Vitivinicola Dei Conti Leone De Castris Srl (Salice Salentino, l-Italja) (rappreżentanti: D. Russo u V. Wellens, avukati)

Konvenut: L-Uffiċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: V. Melgar u H. Kunz, aġġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġeneral: Vicente Gandía Pla SA (Chiva, Spanja) (rappreżentant: I. Temiño Ceniceros, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tal-21 ta' Mejju 2014 (Każ R 917/2013-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Vicente Gandía Pla, SA u Antica Azienda Agricola Vitivinicola Dei Conti Leone De Castris Srl.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Antica Azienda Agricola Vitivinicola Dei Conti Leone De Castris Srl hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 303, 8.9.2014.

Sentenza tal-Qorti Ġeneral tat-28 ta' Jannar 2016 – Is-Slovenja vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-667/14) ⁽¹⁾

("FAEGG — Sezzjoni 'Garanzija' — FAEG u FAEŻR — Infiq eskluż mill-finanzjament — Verifika ta' porzonijiet żgħar — Assenza ta' prova tad-dubju serju u raġonevoli — Estrapolazzjoni tar-riżultati tal-kontrolli fuq il-post")

(2016/C 098/53)

Lingwa tal-kawża: is-Sloven

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika tas-Slovenja (rappreżentant: L. Bembič, aġent)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Rous Demiri u D. Triantafyllou, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament parżjali tad-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni 2014/458/UE, tad-9 ta' Lulju 2014, dwar l-esklużjoni mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ta' ġertu nefqa mġarrba mill-Istati Membri skont it-Taqsima ta' Garanziji tal-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG), skont il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), hija annullata sa' fejn teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni, fir-rigward tar-Repubblika tas-Slovenja, ammont ta' EUR 85 780,08 għas-sena finanzjarja 2010, ta' EUR 115 956,46 għas-sena finanzjarja 2011 u ta' EUR 131 269,23 għas-sena finanzjarja 2012.

Dispożittiv

- 1) Id-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni 2014/458/UE, tad-9 ta' Lulju 2014, dwar l-esklużjoni mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ta' ġertu nefqa mġarrba mill-Istati Membri skont it-Taqsima ta' Garanziji tal-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG), skont il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), hija annullata sa' fejn teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni, fir-rigward tar-Repubblika tas-Slovenja, ammont ta' EUR 85 780,08 għas-sena finanzjarja 2010, ta' EUR 115 956,46 għas-sena finanzjarja 2011 u ta' EUR 131 269,23 għas-sena finanzjarja 2012.
- 2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 3) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tħalli l-ispejjeż tagħha kif ukoll disa' partijiet minn għaxra ta' dawk sostnuti mir-Repubblika tas-Slovenja.
- 4) Ir-Repubblika tas-Slovenja għandha tħalli parti minn għaxra tal-ispejjeż tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 395, 10.11.2014.